MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 323/2002/1

**Pierre Darmanin**

**vs**

**Moira u Christopher konjugi Agius**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta’ Dicembru, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat is-16 ta’ Marzu tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m’ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Ihallsu s-somma ta’ tlett elef tlett mija u erbgha u sittin Lira Maltin u disghin centezmu (Lm3,364.90,0), jew somma verjuri bilanc parti minn somma akbar rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' elfejn disa' mija u sitta u ghoxrin Lira Maltin, (Lm2,926.00,0), il-bilanc dovut fuq il-prezz ta’ kcina maghmula u mwahhla mill-attur fuq inkarigu taghhom stess; u in kwantu ghas-somma ta’ erba’ mija tmienja u tletin Lira Maltin u disghin centezmu, (Lm438.90,0), it-taxxa fuq il-valur mizjud dovut skond il-Ligi fuq il-bilanc fuq citat dovut lill-attur;

2. Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Ittra Ufficjali datata 29 ta’ Ottubru, tas-sena 2001 u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata d-19 ta’ Gunju tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenuti ecceppew is-segwenti:

1. Illi t-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante illi l-kcina maghmula u mwahhla mill-istess attur fil-fond residenzjali tal-eccipjenti mhix tal-kwalita’ pattwita u ma nhadmitx skond is-sengha u l-arti u b’materjal idoneu u bil-materjal pattwit izda b’materjal ta’ kwalita’ inferjuri, u dan kif se jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, il-bilanc reklamat mill-attur huwa ezagerat u eccessiv stante illi l-eccipjenti hallsu lill-attur is-somma ta’ elf Lira Maltin, (LM1,000.00,0), akkont tal-prezz u l-bilanc li kien ghad fadal kien ta’ elfejn, erba’ mija u hamsin Lira Maltija, (Lm2,450.00,0), u dan kif jirrizulta mir-ricevuti datati 24 ta’ Jannar, tas-sena 2000 u 15 ta’ Gunju tas-sena 2001 rilaxxjati mill-istess attur hawn immarkati bhala Doks. `A`, u `B`;

3. Illi l-eccipjenti qeghdin jipprevalixxu ruhhom minn dawn il-proceduri sabiex iressqu ‘l quddiem il-kontro-talbiet taghhom;

Rat ukoll il-kontro-talba tal-konvenuti datata wkoll id-19 ta' Gunju tas-sena 2002 li permezz taghha wara li ppremettew is-segwenti:

1. Illi l-konvenuti rikonvenzjonanti kienu ordnaw kcina minghand l-attur rikonvenzjonat, liema kcina kellha tigi supplita u mwahhla sa mhux izjed tard minn Ottubru, tas-sena 2000 (vide Dok.`A`);

2. Illi l-konvenuti rikonvenzjonanti hallsu lill-attur rikonvenzjonat is-somma ta' elf Lira Maltija, (LM1,000.00,0), akkont tal-prezz permezz ta' pagament ta' tlett mitt Lira Maltija, (Lm300.00,0), fl-24 ta' Jannar, tas-sena 2000 u pagament iehor ta' seba' mitt Lira Maltija, (Lm700.00,0), fil-15 ta' Gunju tas-sena 2001 (vide Doks. `A' u `B');

3. Illi l-attur rikonvenzjonat issupplixxa lill-konvenuti rikonvenzjonanti bil-kcina minnhom ordnata ferm wara t-terminu pattwit kif fuq espost;

4. Illi, di piu`, il-kcina maghmula, supplita u mwahhla mill-attur rikonvenzjonat ma kienetx tal-kwalita' pattwita u ma nhadmitx skond is-sengha u l-arti u b'materjal idoneu u bil-materjal pattwit izda b'materjal ta' kwalita' inferjuri, u dan kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi konsegwentement il-konvenuti rikonvenzjonanti sofrew u qeghdin isofru danni konsistenti, inter alia, anke fl-awment fil-prezzijiet rizultanti minhabba fit-trapass taz-zmien bejn dik id-data, u cioe' Ottubru, tas-sena 2000, meta l-attur rikonvenzjonat kellu jissupplixxi u jistalla kcina ta' kwalita' mahduma skond is-sengha u l-arti u d-data l-gdida illi fiha l-konvenuti rikonvenzjonanti ghandhom jordnaw kcina ohra minghand terzi persuni;

sejhu rikonvenzjonalment lill-attur quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jirrifondi u jhallas lura lill-konvenuti rikonvenzjonanti s-somma ta’ elf Lira Maltija, (Lm1,000.00,0), minnhom lilu mhallsa akkont tal-prezz tal-kcina minnhom ordnata u minnu maghmula u supplita;

2. Illi prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi l-konvenuti rikonvenzjonanti sofrew danni bhala konsegwenza tal-agir tal-attur rikonvenzjonat illi naqas milli jissupplixxi l-kcina in kwistjoni entro t-terminu pattwit u meta ssupplixxa l-imsemmija kcina din ma kienetx tal-kwalita’ pattwita u ma kienetx mahduma skond is-sengha u l-arti u bl-uzu ta’ materjal idoneu u pattwit;

3. Illi tillikwida d-danni sofferti mill-konvenuti rikonvenzjonanti okkorrendo bl-opera ta’ perit nominandi; u

4. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat biex ihallas lill-konvenuti rikonvenzjonanti dik is-somma in linea ta’ danni kif likwidata minn din l-Onorabbli Qorti;

5. Bl-ispejjez kollha kontra l-attur rikonvenzjonat u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effetttiv.

Rat ukoll in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur datata l-5 ta’ Settembru tas-sena 2002 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi f’kull kaz, u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-premessi tal-konvenuti rikonvenjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-kcina lilhom kkunsenjata kienet mahduma skond l-ispecifikazzjonijiet ta’ l-istess konjugi Agius, u kull xoghol li sar fuq il-kcina wara l-kunsenja mill-attur rikonvenut saru fuq specifikazzjonijiet tal-istess konjugi Agius li riedu jzidu u/jew jivvarjaw l-ispecifikazzjonijiet originarjament moghtija lill-attur rikonvenut, u mhux minhabba xi inadempjenza jew nuqqas ta’ sengha jew arti da parti ta’ l-istess attur rikonvenut, jew minhabba materjal inferjuri, u dan kif jigi ppruvat ahjar waqt l-andament tal-kawza;

2. Illi minghajr pregudizzju ghal premess l-ammont rikjest mill-attur rikonvenut jirrifletti l-prezz tax-xogholijiet kollha li saru mill-istess attur rikonvenut in oltre ghat-taxxa dovuta fuq tali prezz, u dan ukoll kif jigi ppruvat waqt l-andament tal-kawza;

3. Illi ghalhekk il-konvenuti rikonvenjenti ma soffrew l-ebda danni;

4. Illi ghalhekk it-talbiet tal-konvenuti rikonvenjenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, u bl-imghax legali kontra l-istess konvenuti rikonvenjenti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri premessi mill-Ligi;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti nkluz ir-relazzjoni peritali;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi fl-1997 l-attur u l-konvenuti kienu iltaqghu wara li ta' l-ahhar kienu raw ix-xoghol ta' l-attur;

2. Illi l-konvenuti "riedu jordnaw", (ara fol 12), kcina tal-gewz minghand l-attur u tahom stima tal-kcina li talbu fl-1997;

3. Illi fis-sena 2000 il-konvenuta marret mal-papa' taghha ghand l-attur u riedet taghmel depozitu fuq il-kcina;

4. Illi peress li kien ghadda perjodu konsiderevoli l-attur ried jaghmel stima gdida;

5. Illi l-istima li saret kienet ibbazat fuq dik originali u hi komplessivament ammontanti ghall-tlett elef, seba’ mija u hamsa u disghin Lira Maltin, (Lm3,795.00,0), nonostante li fid-dokument immarkat Dok PD2, a fol 16, il-bilanc pattwit bejn il-partijiet jirrizulta li hu dak ta’ tlett elef, mija u hamsin Lira Maltin, (LM3,150.00,0);

6. Illi l-attur beda jahdem il-kcina de quo f’Marzu tas-sena 2001 u jirrizulta li l-konvenuti kienu jaraw xi progress kien qed isir billi jivvizitaw il-mahzen ta’ l-attur ta’ spiss;

7. Illi meta l-attur wasal ghall-fazi tal-kolorazzjoni tal-kcina de quo, jidher li baghat ghall-konvenuti biex jigi determinat il-kulur ta’ l-istess bi precizjoni;

8. Illi l-attur isostni li jipprepara xi “sample” u li l-konvenuti accettawh;

9. Illi l-konsenja avverat ruhha fil-15 t’April tas-sena 2001 u proprju hekk kif kien ser jaffettwa din il-konsenja beda jisma’ kwantita’ ta’ ghajjat u storbju fejn il-konvenut sostna ma’ l-attur li kien ghamel il-kcina hazina;

10. Illi f’dan l-istadju jirrizulta li l-konvenut sostna li l-kcina kellha ebra’ (4) pulzieri nieqsa, haga li giet negata mill-attur stante li l-kcina kienet ghadha zarmata u mhux imwahhla f’postha;

11. Illi nonostante dan il-konvenut ta’ struzzjonijiet lill-attur biex jarma l-kcina fuq il-post, liema kcina twahhlet ezatt kif ipprogettata;

12. Illi tlett (3) xhur wara din l-okkazzjoni jirrizulta li l-konvenuti effettwaw pagament ta’ seba’ mitt Lira Maltin, (Lm700.00,0), ohra;

13. Illi jirrizulta li issa f’dan il-perjodu l-konvenuti ddecidew li riedu xi xogholijiet ohra;

14. Illi kien hemm xi xogholijiet ohra li riedu l-konvenuti u l-attur isostni li ried jigi mhallas il-kumplament dovut;

15. Illi l-konvenuti jidher li offrew li jhallsu lill-attur biss is-somma ta’ elf Lira Maltin, (LM1,000.00,0);

16. Illi peress li zviluppaw diversi divergenzi ohra bejn il-partijiet l-attur kien kostrett jibda din il-procedura;

17. Illi l-kcina mertu ta’din il-procedura giet depozitata taht l-awtorita’ ta’ din il-qorti permezz ta’ cedola appozita f’dan ir-rigward;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenuti jsostnu sintetikament is-segwenti:

1. Illi huma ordnaw kcina kompluta bil-mejda u bis-siggijiet; “side-board” u “island” minghand l-attur;

2. Illi l-materjal involut kellu jkun tal-gewz;

3. Illi dan ix-xoghol kellu jkun lest sa Ottubru tas-sena 2000 ghalkemm giet ikkonsenjata wara kif indikat aktar qabel fil-paragrafu numru 9;

4. Illi immedjatament kif raw din il-kcina l-konvenuti ma kienux konvinti peress li rrizultaw diversi problemi;

5. Illi nonostante l-possibilita’ li l-konvenuti taw lill-attur biex jikkoregi l-izbalji riskontrati “*…id-difetti ma bdewx jitghattew, anzi l-kcina giet aghar,*” (fol 58);

6. Illi ghalkemm il-konvenuti hallsu l-ammont ta’ elf Lira Maltin (LM1,000.00,0), lill-attur pero’ jirrizulta li waqqfu jeffetwawlu l-pagamenti l-ohra;

7. Illi l-konvenuti talbu l-ghajnuna ta’ espert li nformahom li l-kcina de quo bl-oggetti l-ohra maghhha kellhom diversi difetti *“…illi biex il-kcina tittranga x-xoghol*

*ried jibda mill-bidu ghaliex id-difetti qeghdin fil-ghajn”*, (ara fol 58);

8. Illi effettivament il-kcina de quo qatt ma giet uzata u giet depozitata l-qorti formalment;

9. Illi ghalhekk qed jitolbu r-rifuzjoni ta’ l-elf Lira Maltin, (LM1,000.00,0), gia mhallsa lill-konvenut bhala akkont;

10. Illi in vista tat-tardivita’ u tad-difetti riskontrati intavolaw it-talbiet rikonvenzjonali taghhom skond il-ligi;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tan-natura tal-kaz din il-qorti kienet kostretta tahtar espert tekniku biex jiggwidaha;

Illi fl-espletazzjoni ta’ l-inkarigu lilu moghti din il-qorti m’ghandha xejn x’ticcensura fl-operat tieghu anzi taghmel taghha l-konkluzzjonijiet ta’ l-istess espert;

Illi l-istess espert isostni in sintesi s-segwenti:

1. Illi biex jigu riparati d-difetti riskontrati “*…huwa daqsxejn difficli ghaliex hemm certu affarijiet fl-ghamara li biex jigu riparati jridu jigu mibdula kompletament,*” (ara fol 25);

2. Illi in effetti x-xoghol mill-attur ma sarx skond is-sengha u l-arti, (ara fol 25);

Illi in oltre l-istess espert isostni in kontro-ezami li d-difetti riskontrati ma humiex ikkagunati mill-uzu li l-konvenuti setghu ghamlu mill-ghamar de quo izda “*…sehhew waqt il-manifattura”*, (ara fol 42);

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tad-direzzjoni moghtija lill-qorti mill-espert minnha nominat fuq talba tar-rapprezentant legali ta’ l-attur, filwaqt li tirrespingi t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet

ta’ l-istess attur, takkoji l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u t-talbiet rikonvenzjonali taghhom u konsegwentement:

1. Tordna lill-attur Pierre Darmanin biex jirrifondi lill-konvenuti Moira u Christopher konjugi Agius l-ammont ta’ elf Lira Maltin, (LM1,000.00,0) minnhom imhallsa bhala akkont;

2. Tiddikjara li l-konvenuti sofrew danni in konsegwenza ta’ l-agir ta’ l-attur fuq sintetikament indikat ikkwantifikat “arbitrio boni viri” fl-ammont ta’ elf u hames mitt Lira Maltin, (Lm1,500.00,0);

3. Tordna lill-attur Pierre Darmanin ihallas din is-somma hekk likwidata fil-paragrafu precedenti lill-konvenuti konjugi Agius, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti.”

Minn din is-sentenza appella l-attur b’dawn il-lanjanzi:-

(1) L-ewwel Qorti kienet inkorretta meta akkoljiet it-talba rikonvenzjonali ghar-rifuzjoni tad-depozitu mhallas fuq l-appalt. Hu jikkontendi li dik il-Qorti akkordat wisq importanza lix-xhieda tal-konvenuti u lir-rapport peritali. Isostni fuq kollox illi l-konvenuti naqsu li jipprovaw illi x-xoghol ezegwit minnu ma giex maghmul skond l-ispecifications moghtija lilu mill-istess konvenuti jew li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti jew li ntuza materjal inferjuri.

(2) Dejjem fuq l-istess tema jissokta jilmenta illi l-ewwel Qorti ma setghet qatt tasal ghall-konkluzjoni merament fuq ir-rapport tat-tekniku anke ghaliex dan ma setghax jikkonstata jekk hu hademx fuq struzzjonijiet tal-konvenuti jew minn jeddu u ghalhekk it-tekniku seta’ biss jirrelata fuq l-istat tal-kcina appaltata.

(3) Il-konvenuti qatt ma nterpellaw lill-attur jiehu lura l-kcina u jirrifondi lura d-depozitu u qatt ma talbuh jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni. Huwa, anzi, jikkontendi illi l-appellati kienu sodisfatti bil-kcina ghax

kieku ma kienux ser ihallsu somma akkont wara l-installazzjoni taghha, joffrulu somma ghas-saldu u jippjazzaw ordni ghal xoghol addizzjonali.

(4) L-ewwel Qorti vvjolat id-dritt tieghu li jiddefendi l-kaz meta cahditlu t-talba minnu mressqa ghan-nomina ta' periti addizzjonali.

(5) Ma ngiebet l-ebda raguni mill-Qorti adita kif waslet ghal-likwidazzjoni taghha 'arbitrio boni viri'.

(6) Is-sentenza hi monka ghax l-ewwel Qorti ma pprovdietx x'ghandu jsir mill-kcina.

Koncizament, it-twegiba tal-konvenuti appellati hi sostenuta fuq is-sottomissjoni li l-ewwel Qorti korrettement waslet ghall-konkluzjoni taghha principalment ghab-bazi tar-rapport tal-espert taghha, u d-danni gew likwidati fuq ir-realtajiet tac-cirkostanzi pervenuti fl-atti. Inoltre, issottomettiet ukoll illi l-appellant ma ghamel xejn biex jikkontesta d-digriet li cahditlu t-talba ghall-hatra ta' periti perizjuri u dippju l-appellant lanqas ma appella minn tali digriet.

Hu stabbilit bhala fatt mill-perizja illi x-xoghol appaltat lill-attur appellant u ezegwit minnu kien fih difetti. Lanqas ma jidher li dawn id-difetti kienu minuri u rimedjabbli izda pjuttost ta' entita` tali li jintitolaw lill-kommittent li jirrifjuta x-xoghol, ma jhallasx u jirrizolvi l-kuntratt. In effetti mill-perizja, li giet adottata mill-ewwel Qorti, kif ukoll mill-eskussjoni tal-espert (fol 40), jinsab precizat illi "hafna mix-xoghol mhux riparabbli u jrid jigi sostitwit" (fol 42) billi "jigu mibdula kompletament" (fol 25). B'mod generali l-espert irrimarka li "partijiet mill-kcina ma gewx mahduma skond l-arti u s-sengha" (fol 42). Dawn huma indikati estensivament fir-relazzjoni tieghu (fol 26) u mhux il-kaz li dawn jigu hawn imtennija.

Dan premess, il-Qorti thoss li jkun opportun pero` illi tirreplika dawk il-principji guridici l-aktar sinjifikattivi in materja ta' appalt, u fl-istess waqt taghti twegiba ghall-uhud mill-aggravji mqanqla.

(1) Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (**Kollez Vol XXVII pI p373**). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu" (**Kollez Vol XL pI p485**).

(2) "L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (**Kollez. Vol XXXVII pIII p883**). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem" (**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe**", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972).

(3) Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (**Kollez. Vol XLI pI p667**) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent. "E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell'arte" (**Kollez Vol XXV pI p727**). Kif ahjar imfisser u spjegat, "l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistghax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent" (**Kollez. Vol XLII pII p1003**).

(4) Huwa pacifiku ukoll illi l-hlas tal-prezz tal-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz (**Kollez. Vol XLI pII p892**);

(5) Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti, kif certament hu l-kaz in ispecje, l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. "Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti

fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt" (**Kollez. Vol XXXVIII pI p292**).

(6) Effettivament, it-tutela akkordata mil-ligi lill-kommittent tinkwadra ruhha fl-ambitu ta' dik ir-responsabilita` kontrattwali normattiva minhabba inadempiment. Li jfisser li l-kommittent jista' jopta li jagixxi gudizzjarjament jew bl-ezekuzzjoni specifika ta' l-appalt jew bl-azzjoni li twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt (Art 1069 (1) tal-Kodici Civili). Fil-kaz il-wiehed jew l-iehor il-kommittent ikollu d-dritt jirreklama d-danni (Art 1069 (2)).

Precizati s-suesposti konsiderazzjonijiet tad-dritt, li certament japplikaw ghal kaz in dizamina, ghal dak li jikkoncerna l-aspett tad-danni jghoddu l-infraskritti riflessjonijiet:-

(1) Jinsab deciz illi "jekk l-appaltant jallega li l-appaltatur minnu mqabbad jezegwixxi x-xoghol hazin, u fil-fatt ix-xoghol ikun fih xi difetti, dan ma hux bizejjed biex il-Qorti tiddikjara l-appaltatur responsabbli ghad-danni; ghax jekk id-difetti huma tali li fil-fehma tal-Qorti, u a sodisfazzjoni taghha, ma jaghtux lok ghad-danni, id-deklaratorja tar-r-responsabilita` ghad-danni ma hiex ammissibbli. U dan aktar u aktar jekk jittrapela li d-difetti riskontrati huma tant insinjifikanti u riparabbli malajr … …" (**Kollez. Vol XLII pII p699**).

(2) Issokta jigi ritenut illi jekk id-difetti ma jkunux essenzjali jew sostanzjali l-appaltant ma ghandux dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt izda biss li jitlob li dawk id-difetti jigu riparati (**Kollez. Vol XXX pIII p433**), jew l-appaltatur jaccetta riduzzjoni fil-prezz ("**John Bonnici pro et noe -vs- Anthony Sammut**", Appell Kummercjali, 22 ta' Gunju 1994);

(3) "A contrario sensu meta d-difetti, kif hekk jirrizulta f'dan il-kaz, huma ta' natura sostanzjali l-appaltatur mhux biss ghandu jitqies inadempjenti imma wkoll li ma jkollux dritt li jippretendi li jirrimedja ghad-difetti fl-ezekuzzjoni

tax-xoghol" – ("**Victor Tabone -vs- Felix Mifsud**", Prim'Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru 1994).

(4) Bl-adoperu tar-rizultanzi peritali f'dan il-kaz jista' jinghad li d-difetti u vizzji riskontrati fl-appalt 'de quo' huma ta' natura sostanzjali in kwantu jincidu b'mod notevoli fuq l-uzu tal-opra u jirrenduha inidonea u inadatta ghad-destinazzjoni taghha.

(5) B'danakollu, una volta ma gewx stabbiliti minn xi stima, ir-rizarciment tad-danni ghandu jkun f'mizura ragonata u sensibbli u mhux "in vacuo". Naturalment ukoll dawn ghandhom jigu likwidati in korrispondenza u bhala konsegwenza diretta ta' l-inadempiment u mhux sempliciment ma' fatturi astratti jew irrejali. F'dan il-kaz, tenut rigward tal-fatt illi l-inadempiment ser igib lill-kommittent f'sitwazzjoni li jkollu jordna kcina minn sorsi ohra hi l-fehma ta' din il-Qorti illi l-ammont likwidat "ex aequo et bono" mill-ewwel Qorti gie sewwa mkejjel, anke jekk, biex jinghad kollox, certament mhux ser igib lill-appellati rizarciment "per equivalent" minn kull konsegwenza ekonomika, tenut qies ta' kull inflazzjoni u zieda fir-rata tal-VAT li b'effett ta' l-inadempiment issa ser ikollhom jissubbixxu l-appellati.

(6) Bl-iskop li tinghata twegiba ghall-ahhar aggravju tal-appellant hu mistenni illi, gjaladarba l-kuntratt qed jigi rizolut u ser jithallsu d-danni, l-appellati jikkonsenjaw lura lill-appellant ix-xoghlijiet minnu ezegwiti. Effettivament dan ukoll jirrientra fl-aspirazzjonijiet tal-appellati. Ara ittra a fol 21 u Cedola ta' Depozitu a fol 30. Ghalhekk ser tahseb dwar dan fil-parti decizorja ta' din is-sentenza.

Riferibilment ghall-aggravju rigwardanti c-cahda tad-digriet ghan-nomina ta' periti addizzjonali qed jinghad qabel xejn illi l-appellant imkien ma adduca talba ghar-revoka ta' dan id-digriet interlokutorju fir-rikors tal-appell tieghu.

Huwa logiku illi gjaladarba l-appellanti ma approfittax ruhu mir-rimedju lilu konsentit bl-Artikolu 229(2) tal-Kodici ta' Procedura u jintavola appell minn dak id-digriet qabel is-

sentenza definittiva, hu htieglu, b'applikazzjoni tas-subinciz (7) tal-istess Artikolu 229, isemmi espressament id-digriet li minnu xtaq jappella, kif hekk jiddisponi l-Artikolu 231 tal-Kap 12. Gjaladarba din it-talba ma saretx minnu jigi li hu ma appellax minnu.

Dan apparti, jrid jinghad ukoll illi d-dispost ta' l-Artikolu 674 (1) tal-Kap 12 hu fakoltattiv ghall-Qorti, mholli fil-fakolta` u l-prudenza taghha. Kif drabi ohra deciz, Qorti tat-tieni istanza, fuq appell minn decizjoni ta' cahda tat-talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali "ma tiddisturbax id-diskrezzjoni uzata mill-ewwel Qorti hlief ghall-raguni serja, meta jidhrilha li dik id-diskrezzjoni ma gietx uzata sewwa". ("**Giuseppa Agius -vs- Kavalier Anthony Cassar**", Appell Kummercjali, 22 ta' Ottubru 1971).

In bazi ghal dawn ir-rilevanzi anke dan l-aggravju qed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell interpost, salv li qed timmodifika s-sentenza appellata fis-sens illi l-appellati ghandhom jikkonsenjaw lura lill-appellant x-xoghlijiet minnu ezegwiti u li prezentement jinsabu installati fil-fond proprjeta` taghhom. Din il-konsenja ghandha ssir kontestwalment mal-hlas lilhom tad-danni likwidati mill-ewwel Qorti. Ghall-kumplament is-sentenza appellata qed tigi konfermata. L-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jitbatew mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------